**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 11 ta' Gunju, 2025**

**Rikors Numru: 238/2023 MLF**

**Fl-atti tal-ittra numru 1805/2023 fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) pprezentata ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta fl-ismijiet:**

**Borg Amanda u FR Group Ltd.**

**vs**

**Vipulbhai Ranchhodbahi Navadiya**

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ta' Vipulbhai Ranchhodbahi Navadiya tal-25 ta' Settembru 2023 intavolat ai termini tal-Artikolu 166A(5) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li fih ippremetta li l-format tal-ittra mahruga taht l-Artikolu 166A tal-Ligijiet a' Malta huwa nieqes mir-rekwizit preskritt mill-Ligi Sussidjarja (L.S.) 12.22 u li l-ammont pretiz fl-istess ittra m'huwiex wiehed cert, likwidu u dovut. Ghal dawn iz-zewg ragunijiet huwa talab lil din il-Qorti sabiex:

1. Tappunta dan ir-rikors ghas-smiegh u dan fi zmien gimghatejn skond l-Artikolu 166A(5) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara l-ittra ufficjali fl-ismijiet premessi u li ghandha n-numru 1805/2023 hija nulla, u konsegwentament thassar, tirrevoka, tirrexxindi u tiddikjara null u bla effett it-titolu ezekuttiv bin-numru 2098/23 miksub in ezekuzzjoni tal-istess ittra ufficjali.

2. Rat ir-rikors ta' Vipulbhai Ranchhodbahi Navadiya tat-2 ta' Ottubru 2023 li bih talab li l-ittra ufficjali in kwistjoni tigi dikjarata nulla ghal raguni ohra apparti z-zewg ragunijiet imsemmija fl-ewwel rikors, u cioe ghaliex ghalkemm din l-ittra ufficjali intbaghtet fil-post tax-xoghol tieghu, hija ma gietx notifikata lilu direttament, kif titlob il-ligi.

3. Rat ir-risposta ta' Amanda Borg et ghaz-zewg rikorsi, fejn ghar-ragunijiet fihom premessi oggezzjonaw ghaz-zewg talbiet.

4. Semghet ix-xhieda, rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza.

5. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

**Il-Fatti**

6. Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri jistghu jigu sintezzati hekk:

i. Fl-10 ta' Lulju 2023, Amanda Borg u FR Group Ltd. ipprezentaw ittra ufficjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tar-rikorrent.

ii. Din l-ittra intbaghtet fuq il-post tax-xoghol tar-rikorrent, u cioe Smart Supermarket, tidher li giet notifikata fl-14 ta' Lulju 2023, pero ma inghatatx lill-intimat direttament. Huwa jghid li s-superjur tieghu fuq ix-xoghol tah din l-ittra ghal habta ta' nofs Awwissu.

iii. Ir-rikorrenti intavola risposta ghal din l-ittra, izda mhux fit-terminu statutorju, u cioe fi zmien tletin (30) gurnata min-notifika, u cioe sat-13 t'Awwissu 2023. In fatti, huwa ipprezenta r-risposta tieghu fit-23 t'Awwissu 2023. Konsegwentement, l-ittra ufficjali giet reza ezekuttiva, skond il-ligi.

iv. Sussegwentement, Amanda Borg u FR Group Ltd. ottjenew il-hrug ta' mandat ta' sekwestru ezekuttiv bin-numru 2098/2023, abbazi tal-istess ittra ufficjali.

v. Ghaldaqstant, ir-rikorrenti intavala l-proceduri odjerni.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

<u>*L-Ewwel Ilment - Il-format tal-Ittra mahruga taht l-Artikolu 166A tal-Ligijiet ta' Malta mhux konformi mal-Ligi Sussidjarja (L.S.) 12.22*</u>

7. L-ewwel raguni ghalfejn ir-rikorrent qed jitlob li l-ittra ufficjali in kwistjoni tigi annullata hija ghaliex jissottometti li ghalkemm l-intimati segwew dak preskritt fl-Artikolu 166A(3) tal-Kapitolu 12, huma ma segwewx ir-rekwiziti preskritti fl-L.S. 12.22.

8. Ir-Regolament 2 ta' L.S. 12.22 jghid hekk:

*"F'kull ittra ufficjali ai termini ta' l-Artikolu 166A, ghandu jkun hemm stampat b'ittri cari u precizi taht l-intestatura tal-Qorti, dan l-avviz li gej:*
*"Din l-ittra ufficjali qed tintbaghat taht l-artikolu 166A tal-Kapitolu 12, u jekk ma twegibx fi zmien tletin (30) jum, din issir titolu ezekuttiv. Ghalhekk huwa fl-interess tieghek li tkellem avukat jew prokuratur legali."*

9. Issa l-Artikolu 166A(3) tal-Kodici ta' Procedura Civili jippreskrivi hekk:

*"L-ittra uffiċjali għandu wkoll ikun fiha taħt piena ta' nullità intimazzjoni lid-debitur li jekk huwa ma jweġibx fi żmien tletin jum mindu jiġi notifikat bl-imsemmija ittra uffiċjali billi jippreżenta nota fl-atti ta' dik l-ittra uffiċjali li fiha tiġi respinta t-talba u li tista' tiġi ffirmata u ppreżentata fil-qorti mid-debitur stess mingħajr il-ħtieġa ta' firma ta' Avukat jew Prokuratur Legali, dik l-ittra uffiċjali tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv … …"*

10. L-intestatura tal-ittra ufficjali mertu ta' din il-procedura tghid hekk:
*"Din l-ittra ufficjali qed tintbaghat taht l-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u jekk inti ma tirrespindix fi zmien tletin (30) jum minn notifika ta' din l-ittra ufficjali, permezz nota prezentata fl-atti tal-prezenti, li ghaliha mhux rikjesta firma ta' avukat jew prokuratur legali, din l-ittra ufficjali tkun tikkostitwixxi titolu ezekuttiv. Ghalhekk huwa fl-interess tieghek li tkellem avukat u prokuratur legali."*

11. Huwa lampanti li l-intestatura tal-ittra ufficjali in kwistjoni amalgamat flimkien ir-rekwiziti preskritti fl-Artikolu 166A(3) tal-Kodici ta' Procedura Civili u r-Regolament 2 tal-L.S. 12.22, u ghaldaqstant dan l-ilment tar-rikorrent huwa wiehed altament fieragh,

12. Di piu, il-Qorti tosserva illi fix-xhieda tieghu in kontro-ezami, ir-rikorrenti ammetta li huwa ircieva l-ittra kemm bil-lingwa Maltija kif ukoll bil-lingwa Ingliza, u mar mill-ewwel biha ghand avukat. Huwa qal ukoll li kien jaf li jekk ma jirrispondix l-ittra fi zmien tletin (30) gurnata), kien ser ikun hemm il-konsegwenzi imsemmija fit-twissija. Ghalhekk il-Qorti qajla tista' tifhem, kif l-intestatura fl-ittra in kwistjoni setghet b'xi mod zgwidat lir-rikorrent jew ghal xi raguni ikkrejatlu xi forma ta' pregudizzju.

13. Ghaldaqstant, il-Qorti issib li dan l-ilment tar-rikorrent huwa legalment u fattwalment infondat.

*<u>It-Tieni Ilment - L-Ammont pretiz m'huwiex wiehed cert likwidu u dovut</u>*

14. It-tieni ilment tar-rikorrent huwa li huwa ma jistghax jifhem minn fejn gie stabbilit mill-intimati l-ammont pretiz minnhom fl-ittra ufficjali, u li huma ma ezebew l-ebda ftehim bejn il-partijiet, in sostenn tal-pretenzjoni taghhom. Ghalhekk huwa jissottometti li l-ammont minnhom pretiz mhux cert u likwidu, u allura wisq anqas dovut. Hu jghid ukoll li l-ittra ufficjali lanqas fiha dikjarazzjoni tal-fatti in sostenn tat-talba, li hu rekwizit mehtieg *ad validitatem* sabiex l-ittra ufficjali tigi reza ezekuttiva.

15. Min-naha l-ohra l-intimati jirrilevaw li kemm fix-xhieda kif ukoll fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, ir-rikorrenti jammetti li huwa debitur tal-intimati, pero ghal

ammont inqas minn dak minnhom pretiz fl-ittra ufficjali. Huma imbaghad jaghmlu sottomissjonijiet sabiex juru ghaliex ix-xhieda tieghu li mhux debitur ghall-ammont intier hix wahda kredibbli.

16. Il-Qorti tirrileva li f'dawn il-proceduri mhix il-funzjoni taghha li tiddeciedi jekk l-ammont pretiz mill-intimati fl-ittra ufficjali huwiex gustifikat jew le, imma biss li tivverifika li l-intimati segwew id-dettami tal-ligi fil-hrug tal-ittra ufficjali *ad unguem.*

17. L-Artikolu 166A(2) tal-Kodici ta' Procedura Civili jippreskrivi li fl-ittra ufficjali *"ghandu jigi dikjarat b'mod car, taht piena ta' nullita, ir-raguni li fuqha tkun imsejsa t-talba, ir-ragunijiet ghaliex it-talba ghandha tintlaqa' u dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn ghat-talba."*

18. Fis-sentenza fl-ismijiet **Noel Sultana vs Andrew Mercieca**, deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Inferjuri fil-15 ta' Frar 2010, gie ritenut hekk:

*"Permezz tal-procedura kontemplata fl-Artikolu 166A tal-Kap.12 il-legislatur kellu l-hsieb li jnaqqas l-ammont ta' kawzi li jsiru billi introduca din il-procedura specjali. Bl-Att VII tal-2007 zied ghas-somma ta' €23,293.73 l-ammont li ghalih tista' tintuza din il-procedura. Il-qorti hi tal-fehma li l-ittra ufficjali hi xotta hafna u ma jistax jinghad li fiha **"dikjarazzjoni tal-fatt b'sostenn tat-talba"**. Il-kliem **"ghal xoghol u parts"** m'humiex bizzejjed sabiex jissodisfa l-htiega li l-ittra ufficjali jkun fiha "dikjarazzjoni tal-fatti". Wiehed ghandu jiftakar li fejn qabel persuna kellha taghmel kawza ghaliex ma jkollhiex titolu ezekuttiv, wara l-introduzzjoni tal-Artikolu 166A kreditur jista' jottjeni titolu ezekuttiv b'semplici ittra ufficjali. Hu minnu li d-debitur ghandu l-opportunità kollha li f'kaz ta' dubju jipprezenta nota fit-terminu ta' 30 gurnata min-notifika u jopponi t-talba u b'hekk igieghel lill-kreditur jkun kostrett jaghmel kawza, madanakollu l-htiega li l-ittra ufficjali jkollha **"dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba"**. Mandanakollu dan ir-rekwizit hu ad validitatem u s-sanzjoni hi n-nullità tal-ittra ufficjali ghal finijiet tal-Artikolu 166A. Il-kreditur ghandu l-obbligu li fl-ittra ufficjali jaghti bizzejjed taghrif sabiex id-debitur ikun jaf dwar x'hiex jittratta d-dejn u fl-istess hin ipoggih f'posizzjoni li jista' jiddeciedi jekk ghandux jammetti t-talba jew jopponiha f'parti minnha biss. Bla dubju f'dan il-kaz Sultana kellu jsemmi fl-ittra ufficjali n-natura tax-xoghol li qieghed jintalab il-hlas tieghu, il-vettura li fuqha sar ix-xoghol, meta sar ix-xoghol, u spjega tal-ammont li qieghed jitlob fis-sens li jaghti taghrif dwar spejjez ta' parts u x-xoghol li sar*

*u li tieghu qieghed jippretendi l-hlas. Informazzjoni li suppost kienet tirrizulta wkoll mill-kont li normalment johrog il-kreditur, u li f'dan il-kaz ma gietx annessa kopja tieghu mal-ittra ufficjali. Taghrif li m'hemm l-ebda accenn ghalih fl-ittra ufficjali in kwistjoni. Setgha kien hemm fatti ohra rilevanti, ezempju li d-debitur jiffirma l-kont. Ovvjament dawn ikunu jvarjaw minn kaz ghall-iehor. Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz l-ilment ta' Mercieca hu gustifikat."*

19. Dan l-insenjament gie konfermat fis-sentenza fl-ismijiet **Gouder et vs Zammit**, deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)[1] fis-6 ta' Ottubru 2010. Wara li kkunsidrat is-sentenza **Sultana vs Mercieca** u l-principji enuncjati fiha, il-Qorti tal-Appell ziedet tghid li minn dik is-sentenza:

*"Wiehed jifhem ahjar x'ghandu jkun l-element kostituttiv tal-ittra ufficjali ghall-espressjoni legislattiva tad-dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba. Dan mhux minghajr raguni gjaladarba l-uzu tal-att gudizzjarji innovattiv introdott fil-ligi procedurali, ex-Artikolu 166A, hu intiz bl-iskop li jevita l-procediment gudizzjarju tal-kawza (Artikolu 154 et sequitur) u l-hela ta' energija u spejjez zejda, fl-istess waqt li johloq t-titolu ezekuttiv. Mhux allura bizzejjed li fl-ittra ufficjali wiehed jillimita ruhu ghar-raguni li fuqha tkun imsejsa t-talba – f'dan il-kaz, 'appalt ta' injam' – imma ghandu wkoll skond ir-regola normattiva u, ghaliex le, il-bon sens, jiccertifika l-elementi kollha fattwali ghax minn dawn tiddependi, ghat-tutela tad-difiza tad-debitur, l-interess legittimu u manifest li hu jkun xjenti tad-dikjarazzjonijiet kollha ta' fatt ghal liema qed jintalab il-hlas u b'hekk ikun fi grad ahjar li jametti jew jirripella, il-kaz, il-pretiza tal-kreditur reklamanti. Ukoll fil-fehma ta' din il-Qorti l-kliem 'appalt fuq l-injam", ma jikkostitwixxux dikjarazzjoni certa u cara tal-fatti. Inter alia, meta saret il-kontrattazzjoni, il-kontenut tal-appalt u t-termini tieghu, l-ezekuzzjoni tieghu, il-pattijiet dwar il-hlas tieghu etcetera. Wiehed ma jistax ma jfakkarx f'dik il-gurisprudenza li tirritjeni nulla u mhux meritevoli ta' konsiderazzjoni, meta kien ghadu jvigi r-rit tac-citazzjoni, fejn il-kawzali taghha tkun espressa bhala 'ghal ragunijiet ohra validi fil-ligi' (**Fortunata Mizzi*** [recte Maggi] ***v. Rosina Coleiro**, Appell Civili, 14 ta' Dicembru 1949), jew 'ghal ragunijiet ohra li jigu esposti tul it-trattazzjoni tal-kawza' (**Carmelo Darmenia*** [recte Darmanin] ***v. Avukat Dottor Charles Moore nomine**, Prim' Awla, Qorti Civili, 14*

[1] *Per* Imhallef Philip Sciberras.

*ta' April, 1964). B'egwal forza magguri dan huwa hekk ukoll il-kaz hawnhekk trattasi li hi l-ittra ufficjali li tikkreja per saltum titolu ezekuttiv. Irid jinghad imbaghad b'rabta ghall-proviso tal-Artikolu 789 fuq riferit illi ghall-ittra ufficjali de quo lanqas ma hi akkonsentita jew permissibbli d-debita korrezzjoni gjaladarba mhux possibbli li jsir dan una volta l-materja ghaddiet fil-fazi ezekuttiva taghha."*

20. Fil-kaz odjern, l-ittra ufficjali sempliciment tinterpellat lir-rikorrenti sabiex ihallas *"l-ammont kumplessiv ta' elf disa' mija u disgha u sittin Ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€1,969.23) rapprezentanti in kwantu l-ammont ta' disa' mija disgha u sittin Ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€969.23) lill-mittenti Amanda Borg, in parte rapprezentanti kera ta' fond residenzjali tieghek, u in parte ammonti versati lilek b'self brevi manu b'rabta man-negozju tieghek f'Rav International Limited, u in kwantu ghall-ammont ta' elf Ewro (€1,000) eskluz taxxa fuq il-valur mizjud, rapprezentanti spejjez imgarrba sabiex il-konjugi tieghek tirritorna lura Malta."*.

21. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fuq esposti din il-pretensjoni ma tistax tigi ikkunsidrata bhala *"dikjarazzjoni tal-fatti in sostenn tat-talba"* kif tesigi l-ligi. Il-pretensjoni tal-intimati hija msejsa fuq tlett kawzali differenti u distinti minn xulxin, pero ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' x'kienu c-cirkostanzi li minhabba fihom ir-rikorrent gie obbligat ihallas dawn l-ammonti lill-intimati, u tad-data jew dati minn meta dawn l-ammonti saru dovuti. L-intimati lanqas biss specifikaw kemm huwa l-ammont ta' kera pretiz u kemm hu l-ammont ta' self pretiz. Wisq inqas hemm xi tentattiv biex jigu spjegati l-fatti li taw lok ghal dan id-diverbju bejn il-partijiet.

22. Il-fatt li r-rikorrent ammetta li kellu jhallas parti zghira mill-ammont pretiz in konnessjoni man-negozju tas-socjeta RAV International Limited ma jista' jkun tal-ebda ghajnuna lill-intimati, stante li r-rikorrent qal ukoll li l-ammont minnu dovut, kellu jigi pacut meta din il-socjeta kummercjali tigi xolta – kwistjoni li din il-Qorti certament mhix kompitu taghha li tidhol fiha f'dawn il-proceduri specjali.

23. Konsegwentement, il-Qorti tikkonkludi li dan it-tieni ilment tar-rikorrenti huwa gustifikat, u li l-ittra ufficjali de quo ma tikkontjeniex ir-rekwiziti preskritti mil-ligi, u konsegwentement hija nulla u bla effett.

24. Teknikament il-Qorti tista' tieqaf hawn, pero ghall-kompletezza hija ser tikkunsidra wkoll it-tielet ilment tar-rikorrent.

*<u>It-Tielet Ilment – In-notifika tal-Ittra Ufficjali ma saritx skond il-Ligi</u>*

25. Fiz-zmien in kwistjoni r-rikorrent kien jahdem bhala *shop assistant* gewwa Smart Supermarket, Naxxar Road Birkirkara, u huwa pacifiku bejn il-partijiet li l-ittra ufficjali intbaghtet f'dan il-fond bil-posta registrata. Pero r-rikorrenti irrileva illi r-riferta tal-ittra ufficjali tindika li l-ittra ma inghatatx lir-rikorrenti personalment, jew ma' xi persuna ohra skond kif tippermetti l-ligi. Mill-provi jirrizulta li din l-ittra intbaghtet bil-posta registrata u thalliet ma' persuna b'karta tal-identita bin-numru 97909L, li ghalkemm iffirmat il-*pink card,* m'hemmx isimha b'ittri kapitali, u l-isem mhux decifrabbli mill-firma. Ir-rikorrent ezebixxa kopja tal-karta tal-identita tieghu, u ikkonferma n-numru taghha – 0209239A - bil-gurament.

26. Minn naha l-ohra, l-intimati jargumentaw illi n-notifika hija kompluta la darba kopja tal-att tithalla fil-post tax-xoghol tal-persuna li lilha l-iskrittura ghandha tkun notifikata.

27. L-Artikolu 187(1) tal-Kodici ta' Procedura Civili jippreskrivi hekk:

*"In-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja tal-iskrittura lill-persuna li lilha ghanda tkun innotifikata, kull fejn dik il-persuna tista' tinstab. In-notifika tista wkoll issir billi dik il-kopja tithalla fil-lok fejn toqghod jew tahdem jew fil-post tax-xoghol jew fl-indirizz postali ta' dik il-persuna f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f'idejn wiehed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur taghha jew persuna awtorizzata minnha biex tircievi l-posta taghha ... ..."*

28. Fl-opinjoni konsiderata ta' din il-Qorti, qari akkurat ta' din id-disposizzjoni tal-ligi iwassal ghall-konkluzjoni li meta n-notifika issir fuq il-post tax-xoghol tal-persuna li ghandha tigi notifikata bl-att, mhux sufficjenti li jigi ippruvat illi kopja tal-att tkun thalliet fil-post tax-xoghol, izda jrid jigi ippruvat ukoll li l-kunsinna tal-att saret jew direttament lill-persuna li ghandha tigi notifikata, jew lil xi persuna fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur taghha jew persuna awtorizzata minnha biex tircievi l-posta taghha.

29. F'dan il-kuntest il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza fis-sentenza **D.D.E. Attard Limited vs John Busuttil nomine** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Ottubru 2017. F'din is-sentenza, il-konvenut gie ukoll notifikat fuq il-post tax-xoghol tieghu, u r-rikors guramentat thalla ma' terza persuna. Il-Qorti tal-Appell irriteniet hekk:

*"Applikati r-rekwiziti specifici tal-artikolu in ezami ghall-kaz inkwistjoni, jirrizulta li r-rikors promotur thalla f'idejn Jessica Falzon. Ma irrizultax li din il-persuna hija impjegata fis-servizz tal-konvenut, izda x'aktarx li hija mpjegata tal-MIMCOL, u b'hekk fis-servizz tal-istess socjeta, liema socjeta m'hix parti fil-kawza. Lanqas ma jirrizulta li l-istess Jessica Falzon kienet prokuratur tal-konvenut Busuttil jew awtorizzata minnu li tilqa' l-korrispondenza tieghu. ... ... Ladarba mill-atti ma jirrizultax li l-konvenut appellat gie notifikat direttament u lanqas indirettament skont il-provvediment tal-ligi, jsegwi li n-notifika in kwistjoni ma tissodisfax il-kriterji tal-artikolu tal-ligi dwar kif issir notifika regolari."*

30. Fil-kaz odjern, hu pacifiku bejn il-partijiet li l-ittra ufficjali ma inghatatx lir-rikorrent direttament, u mill-provi in atti ma jirrizultax li l-persuna li ircieviet l-ittra – li baqghet ma gietx identifikata f'dawn il-proceduri - hija impjegata fis-servizz tar-rikorrent, izda x'aktarx li hija impjegata ohra ta' Smart Supermarket. Fil-fatt fl-affidavit tieghu, ir-rikorrent jghid li kien is-superjur tieghu fuq il-post tax-xoghol li tah l-ittra. Lanqas jirrizulta li din il-persuna li rceviet l-ittra kienet prokuratur tar-rikorrenti, jew awtorizzata minnu li tircievi l-korrispondenza tieghu.

31. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, isegwi li l-ittra ufficjali ma gietx notifikata lir-rikorrent bil-mod preskritt mil-ligi, u konsegwentement in-notifika hija invalida.

**Konkluzjoni**

32. Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel talba tar-rikorrenti, stante li din giet sorvolata fil-mori tal-proceduri;

2. Tichad it-tieni talba tar-rikorrenti in kwantu ibbazata fuq nuqqas ta' osservanza tal-Legislazzjoni Sussidjarja 12.22.

3. Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti in kwantu ibbazata fuq in-nuqqas ta' dikjarazzjoni tal-fatti in sostenn tat-talba kif preskritt fl-Artikolu 166A(2) tal-Kodici ta' Procedura Civili u fuq in-nuqqas ta' notifika skond il-ligi ai termini tal-Artikolu 166A(5)(i) tal-istess Kodici, Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Konsegwentement, tiddikjara null u bla effett it-titolu ezekuttiv ottenut fil-konfront tar-rikorrent Vipulbhai Ranchhodbahi Navadiya, permezz tal-ittra ufficjali numru 1805/2023 fl-ismijiet *"Amanda Borg et vs* Vipulbhai Ranchhodbahi Navadiya*"* u dan ai termini tal-Artikolu 166A(5)(i) u (ii) tal-Kodici ta' Procedura Civili, Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Ghaldaqstant, tiddikjara null u bla effett il-mandat ta' sekwestru ezekuttiv numru 2098/2023 fl-ismijiet *"Amanda Borg et vs Vipulbhai Ranchhodbahi Navadiya"*, mahrug fit-13 ta' Settembru 2023 minn din il-Qorti, diversament preseduta, in ezekuzzjoni tal-istess ittra ufficjali.

6. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-ispejjez in konnessjoni ma' dawn il-proceduri ghandhom jigu subiti kwantu ghal terz mir-rikorrenti u kwantu ghal zewg terzi mill-intimati.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**